Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Marzu 2020
(OR. en)

6186/20
PV CONS 8
ECOFIN 92

**ABBOZZ TA' MINUTI**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)

18 ta' Frar 2020

# WERREJ

**Paġna**

1. Adozzjoni tal-aġenda ... 3
2. Approvazzjoni tal-punti "A"
a) Lista mhux leġislattiva ... 3
b) Lista leġislattiva ... 4 -5

**Deliberazzjonijiet leġislattivi**

3. Affarijiet oħra ... 6
Proposti leġislattivi attwali dwar is-servizzi finanzjarji

**Attivitajiet mhux leġislattivi**

4. Semestru Ewropew 2020 ... 6
a) Konklużjonijiet dwar l-istrateġija annwali għat-tkabbir sostenibbli 2020
b) Konklużjonijiet dwar ir-rapport dwar il-mekkaniżmu ta' twissija 2020
c) Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro

5. Rieżami tal-governanza ekonomika - Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ... 6

6. Tħejjija għal-laqgħat tal-G20 fi Frar (20-23 ta' Frar 2020) ... 6
Termini ta' Referenza tal-UE tal-G20

7. Rakkomandazzjoni dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għall-2018 ... 6

8. Konklużjonijiet dwar il-linji gwida baġitarji għall-2021 ... 6

9. Affarijiet oħra ... 6

ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill ... 7

***

**1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 5855/1/20 REV 1.

**2. Approvazzjoni tal-punti "A"**

**a) Lista mhux leġislattiva** 5856/20 + **COR 1**

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 5856/20 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet marbuta ma' dawn il-punti jinsabu fl-Addendum (paġna 8).

Għall-punti li ġejjin id-dokumenti għandhom jaqraw kif ġej:

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Konklużjonijiet dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa<br>*Adozzjoni*<br>approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-12.02.2020 | 6050/20<br>+ ADD 1 REV 1<br>**+ ADD 1 REV 2 (fr)**<br>**+ ADD 1 REV 3 (it)**<br>**+ ADD 2** |

Affarijiet Barranin

| | | |
|---|---|---|
| 8. | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, tal-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Każakistan, min-naħa l-oħra<br>*Approvazzjoni tal-verżjoni bil-lingwa Irlandiża*<br>approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-12.02.2020 | 5852/20<br>12409/16<br>**+ COR 1 (fr)**<br>COEST |

b) **Lista leġislattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) — 5857/20

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

**1. It-trasmissjoni u l-iskambju ta' data dwar il-pagamenti rilevanti għall-VAT** — S C — 5319/20, 14127/19, 14128/19, FISC

a) **Emendi għad-Direttiva dwar is-sistema komuni tal-VAT fir-rigward tar-rekwiżiti għall-forrnituri ta' servizzi ta' pagament**

b) **Emendi għar-Regolament dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT fir-rigward ta' miżuri għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT**

*Adozzjoni*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-12.02.2020

Il-Kunsill adotta d-Direttiva tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti u kif jinsabu fid-dokumenti 14127/19 u 14128/19 (Bażi legali: l-Artikolu 113 TFUE).

**2. Emendi għad-Direttiva dwar is-sistema komuni tal-VAT u għar-Regolament dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tal-VAT fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar** — S C — 5320/20, 14527/19, FISC

*Adozzjoni*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-12.02.2020

Il-Kunsill adotta d-Direttiva tal-Kunsill kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti u kif tinsab fid-dokument 14527/19 (Bażi legali: l-Artikolu 113 TFUE).

**3. Regolament dwar Finanzi Sostenibbli - tassonomija** — ❶ C — 5830/1/20 REV 1, 5830/20 ADD 1, EF

*Qbil politiku*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-05.02.2020

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar ir-Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas li jiffaċilita l-investiment sostenibbli (Bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

L-Awstrija ppreżentat dikjarazzjoni, kif ukoll ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja u s-Slovenja (kif imniżżel fl-Anness, paġna 7).

Ġustizzja u Affarijiet Interni

**4. Regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda** ❶C 5719/20 JUSTCIV
*Approċċ ġenerali*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-12.02.2020

Il-Kunsill adotta approċċ ġenerali dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (Bażi legali: l-Artikolu 81 TFUE).

**5. Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1393/2007 dwar in-Notifika ta' Dokumenti** ❶C 5722/20 JUSTCIV
*Approċċ ġenerali*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-12.02.2020

Il-Kunsill adotta approċċ ġenerali dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti ) (Bażi legali: l-Artikolu 81 TFUE).

Ambjent

**6. Regolament dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma** ❶C 5554/20 ENV
*Qbil politiku*
approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-05.02.2020

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar ir-Regolament dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma (Bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE).

Trasport

**7. Regolament dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (eFTI)** ❶C 5394/20 TRANS
*Qbil politiku*
approvat mill-Coreper, Parti 1, fid-29.01.2020

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar ir-Regolament dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (Bażi legali: l-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2) TFUE).

**<u>Deliberazzjonijiet leġislattivi</u>**
**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

3. **Affarijiet oħra**

| | |
|---|---|
| **Proposti leġislattivi attwali dwar is-servizzi finanzjarji**<br>*Informazzjoni mill-Presidenza* | 5842/20 |

<u>Il-Ministri</u> ġew aġġornati dwar is-sitwazzjoni attwali rigward il-proposti leġislattivi għas-servizzi finanzjarji.

**<u>Attivitajiet mhux leġislattivi</u>**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4. | Semestru Ewropew 2020 | | |
| | a) | Konklużjonijiet dwar l-istrateġija annwali għat-tkabbir sostenibbli 2020<br>*Adozzjoni* | 5819/20 |
| | b) | Konklużjonijiet dwar ir-rapport dwar il-mekkaniżmu ta' twissija 2020<br>*Adozzjoni* | 5821/20<br><br>5822/20 + ADD 1 |
| | c) | Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro<br>*Approvazzjoni* | 5687/20 |
| 5. | Rieżami tal-governanza ekonomika - Komunikazzjoni tal-Kummissjoni<br>*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni* | | 5817/20 + ADD 1-2 |
| 6. | Tħejjija għal-laqgħat tal-G20 fi Frar (20-23 ta' Frar 2020) Termini ta' Referenza tal-UE tal-G20<br>*Approvazzjoni* | | 5892/20 |
| 7. | Rakkomandazzjoni dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għall-2018<br>*Adozzjoni* | | **5760/1/20 REV 1**<br>5760/20 ADD 1<br>+ ADD 1 COR 1 |
| 8. | Konklużjonijiet dwar il-linji gwida baġitarji għall-2021<br>*Adozzjoni* | | 5759/20 |
| 9. | Affarijiet oħra | | |

---

❶ L-ewwel qari

Ⓢ Proċedura leġislattiva speċjali

Ⓒ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

**ANNESS**

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 5857/20**

**Rigward il-punt "A" nru 3:** **Regolament dwar Finanzi Sostenibbli - tassonomija**
*Qbil politiku*

## DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"Aħna naqblu mal-objettiv li tiġi stabbilita tassonomija kredibbli li ser tiggwida lill-investituri fl-identifikazzjoni ta' attivitajiet ambjentalment sostenibbli. Għadna nemmnu li t-tassonomija għandha tiġi adottata malajr kemm jista' jkun. Diġà nkiseb progress sostanzjali fi ħdan it-trilogu. Madankollu, kwalunkwe tassonomija li tippermetti li l-enerġija nukleari tikkwalifika bħala sostenibbli, jew anki bħala "transizzjoni" jew "attività ta' abilitazzjoni", tkun intrinsikament żbaljata u tista' twassal għal kritika serja, peress li din tibgħat sinjali u inċentivi ħżiena lill-parteċipanti u lill-investituri fis-suq finanzjarju. L-eżitu tan-negozjati ma jistax ineħħi t-tħassib tagħna li l-qafas propost jista' jħalli l-bieb miftuħ biex jiġu ddevjati riżorsi finanzjarji minn attivitajiet ambjentalment sostenibbli u f'teknoloġiji li ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala sikuri u lanqas sostenibbli, bħall-enerġija nukleari."

## DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA, L-UNGERIJA, IS-SLOVAKKJA U S-SLOVENJA

"Ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja u s-Slovenja japprezzaw il-perseveranza u l-isforzi tal-Presidenza ddedikati għall-proposta tat-tassonomija. Fid-dawl ta' ħidma ulterjuri fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mal-enerġija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja u s-Slovenja jenfasizzaw il-ħtieġa li tiġi rispettata n-newtralità teknoloġika bħala wieħed mill-prinċipji sottostanti tal-proposta.

Ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja u s-Slovenja jirrikonoxxu li t-tibdil fil-klima jeħtieġ jiġi indirizzat malajr, filwaqt li jiġu ssalvagwardjati s-sigurtà, l-istabbiltà, u l-affordabbiltà tal-provvista tal-enerġija fuq terminu twil. Il-kisba ta' newtralità klimatika tirrikjedi emissjonijiet baxxi ta' karbonju kif ukoll sorsi ta' enerġija u infrastruttura transizzjonali u aħna nilqgħu l-fatt li dan issa huwa minqux b'mod ċar fil-qafas tat-tassonomija. Huwa rikonoxxut sew mill-komunità ta' esperti tad-dinja li l-enerġija nukleari hija meħtieġa biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima. Ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja u s-Slovenja jqisu l-enerġija nukleari bħala sors ta' enerġija sostenibbli u sikur fuq medda twila ta' żmien.

Iż-żamma tal-kapaċitajiet nukleari attwali u l-iżvilupp futur tagħhom, filwaqt li jiġu rispettati l-istandards għoljin ta' sikurezza u sigurtà, huma l-prekondizzjoni bażika biex tintlaħaq in-newtralità klimatika mhux biss fir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja u s-Slovenja, iżda wkoll fil-livell tal-UE. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-IPCC u l-organizzazzjonijiet internazzjonali tal-enerġija u rifless ukoll fid-dokumenti tal-Kummissjoni. Aħna niddependu fuq il-Kummissjoni biex tiżgura proċess trasparenti sħiħ ta' elaborazzjoni tal-Atti Delegati rilevanti – proċess kredibbli u bbażat fuq l-evidenza u l-għarfien espert, l-inputs xjentifiċi u l-involviment xieraq tal-Istati Membri sabiex titwettaq valutazzjoni kompletament infurmata u oġġettiva tas-sostenibbiltà tat-teknoloġiji kollha tal-enerġija disponibbli fuq bażi mhux diskriminatorja.

Ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja u s-Slovenja jappoġġaw l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, jeħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għodod kollha meħtieġa biex jilħqu dan l-objettiv ambizzjuż b'mod kosteffettiv u jiżguraw il-kredibbiltà tal-isforzi klimatiċi tagħna."